**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 252/2021**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-Vs-**

**CARMELA CINI**

**Illum, 12 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **CARMELA CINI nee' CAMILLERI**, ta' 50 sena, imwielda l-Pieta' fis-7 ta' Marzu 1971, bint Bartolomeo Camilleri u Maria nee Muscat, residenti Qawra Point, Blk 5, Flat 12, Ras il-Qawra, San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-karta tal-identita' 00139071M, li ġiet akkużata talli b'diversi atti magħmula minnha stess, ukoll

jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, u ċioe' talli fix-xahar ta' April 2021 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer;

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' Anthony Zammit u /jew persuni oħra;

2. Għamlet qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi) għad-detriment ta' Anthony Zammit u/jew persuna oħra;

3. Kisbet xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument mhux maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz.

4. Għamlet falsifikazjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-Artikoli 188 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' isem fittizju fuq "bank statement".

Il-Qorti kienet mitluba li tittratta ma' l-imputata bħala reċidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Mata, meta hija kienet misjuba ħatja u ikkundannata għal reati b'sentenzi ta' Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li jidhrilha xierqa, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat illi laqgħet it-talba ta' Anthony Zammit sabiex jiġi ammess fil-proċeduri bħala l-parti offiża;

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li mhux ħatja;

Rat illi l-Avukat Ġenerali fil-25 ta' Novembru 2022 bagħat lill-imputata sabiex tiġi aġġudikata minn din il-Qorti taħt dak li hemm maħsub:-

- Fl-artikoli 188(1)(2), 189, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 15A(1), 17, 18, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputata fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023 tiddikjara li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiż minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kolha akkwiżiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijet orali tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-24 ta' April 2024;

Rat in-nota ppreżentata mid-difiża fil-31 ta' Mejju 2024, kif awtorizzat, fis-seduta tal-24 ta' April 2024;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi Anthony Zammit, persuna avvanzata fiż-żmien, kien iltaqa' ma' ċertu Charmaine Cini li jirriżulta li hija l-imputata odjerna, Carmela Cini, għall-ħabta tal-bidu tas-sena 2019 u wara ftit, bdiet titolbu ta' sikwit biex isellifha l-flus dejjem b'xi skuża differenti. Hu kien jagħmel minn kollox biex jgħaddilha l-flus li kienet titolbu, inkluż li jiddejjen ma' terzi persuni.

**It-teżi tal-Prosekuzzjoni** hi li Anthony Zammit silef dan il-flus lill-imputata għaliex ġie mqarraq jagħmel dan b'riżultat tat-tħaddim ta' messa in xena elaborata u makakka li ġiet fabbrikata mill-imputata u adoperata minnha bl-assistenza ta' terzi persuni, u dan b'wegħdiet foloz kif ukoll bl-użu ta' ismijiet foloz u bil-wiri ta' dokumenti foloz. Anthony Zammit baqa' jsellef flus lil Charmaine Cini fuq medda ta' madwar sentejn u nofs b'riżultat ta' dan il-qerq, u spiċċa sellef lilha jew lil persuni oħrajn fuq struzzjonijiet tagħha, is-somma globali ta' ċirka €90,000.

**Il-parti offiża, Anthony Zammit**, xehed illi f'Settembru 2020, huwa aċċetta li jixtri mobile phone li Charmaine Cini[1] kienet offriet tbiegħlu u ftiehmu li jħallasha l-prezz ta' €100. L-imputata kienet assiguratu li dan il-mobile phone ma kienx misruq u kienet xtratu mingħand ħabiba tagħha iżda wara ftit ġranet, meta kien laħaq taha €40 akkont tal-prezz, kienet marret għandu u talbitulu lura bl-iskuza li mingħand min kienet xratu ġiet arrestata għaliex il-mobile kien misruq mingħand xi ħadd b'pożizzjoni għolja fil-Korp tal-Pulizija. Imbagħad l-imputata ċemplitlu u qaltlu li ġiet arrestata hi wkoll u li kienet tinsab fil-*lock up*. Qaltlu li din il-ħabiba kienet kixfitha mal-Pulizija li kienet xtrat il-mobile misruq mingħandha u huwa beda jibża' li ser jiġi arrestat hu wkoll. Anthony Zammit xehed illi l-imputata qaltlu wkoll illi l-Pulizija riedu jkunu jafu min iktar kien fil-pussess tal-mobile u min ipprova jiftħu u beda jibża' wkoll għaliex sakemm kien ta l-mobile phone lura lill-imputata, kien laħaq tah lit-tifel tal-mara tiegħu biex jiftaħulu. L-imputata ċemplitlu diversi drabi fejn qaltlu li qiegħda miżmuma fil-*lock up* u li kienet ilha xi ġimagħtejn arrestata u qaltlu li Dr. Edward Gatt huwa l-avukat tagħha, filwaqt li n-nutar tagħha, li taħdem fl-istess uffiċju tal-avukat, jisimha Antonella.

Anthony Zammit spjega illi Antonella, in-nutar, kienet marret għandu xi erba' jew ħames darbiet biex titolbu għall-flus biex tħallas l-ispejjeż tal-kawża lill-avukat ta' Charmaine. Hu kien taha €350 u darb'oħra kien taha €500 u meta Antonella qaltlu li l-imputata ġiet biex toħroġ fuq pleġġ, talbitu wkoll is-somma ta' €3,000, nofs l-ammont tal-pleġġ. Spjegatlu li n-nofs l-ieħor kienu ser jħallsuh hi u l-avukat Edward Gatt għaliex jafu li l-imputata kellha l-flus u kien għalhekk li kienu qed jaħdmulha. Fil-fatt, Antonella kienet urietu statement ta' kont bankarju ma' Bank of Valletta, liema kont kienet qaltlu kien tal-imputata iżda ma kienx laħaq ra jekk il-kont indikat fl-istatement kienx f'isem l-imputata. Spjegatlu li l-imputata kienet nefqet €20,000 mis-somma ta' €100,000 li kien

[1] Min fuq il-pedana tax-xhieda, Anthony Zammit għaraf lil "Charmaine" bħala l-imputata Carmela Cini.

hemm fil-kont u kien fih bilanċ ta' €80,000. Antonella qaltlu wkoll li l-imputata ma setgħetx toħroġ il-flus mill-kont għaliex kien hemm mandat ta' sekwestru fuq il-kont, iżda barra dan il-kont l-imputata kellha kont ieħor mal-bank HSBC li kien fih €100,000. Xehed illi maż-żmien, Antonella kienet qaltlu wkoll li l-imputata kellha proprjeta' f'Tas-Sliema li kienet tiswa xi €800,000 u proprjeta' oħra l-Għargħur, kif ukoll żewġ imħażen kbar li kienu mikrijin u kienet iddaħħal ammonti sostanzjali f'kirjiet. Għalkemm qatt ma mar jara dawn il-proprjetajiet, hu kien emminha u kien konvint li l-imputata kienet miljunarja.

Xehed illi kien għamel il-kuraġġ meta sema' dan kollu mingħand Antonella u meta ra l-istatement tal-kont bankarju, għaliex b'hekk kien serraħ moħħu li l-imputata kellha ħafna flus u ma kienx ser ikollu problemi biex jitħallas lura. Kien għalhekk li aċċetta illi jħallas il-flus li ġie mitlub, anke għaliex l-imputata kienet qiegħda theddu li jekk ma jgħinhiex billi jagħtiha l-flus li kellha bżonn, kienet sejra tikxfu mal-Pulizija li kien xtara mingħandha l-mobile phone misruq. Anthony Zammit xehed illi huwa kien ta lil Antonella s-somma ta' €550 għaliex kien għadu kif irċieva l-pensjoni, u kien sellef is-somma ta' €1,000 mingħand ħabib tiegħu, Antoine Micallef li kien jaħdem il-Maypole. L-imputata kienet ċemplitlu fejn qaltlu li kienet qed iċċempel mill-Qorti u kienet ser tibgħat xi ħadd biex jiġbor il-flus tal-pleġġ mingħandu. Fil-fatt kien ġie raġel ta' xeħta Għarbija id-dar tiegħu biex jiġbor il-flus iżda kien talbu biex jiffirma riċevuta li kien irċieva s-somma ta' €1,000 u dan waqt li kien fil-ħanut ta' sieħbu Antoine Micallef fit-30 ta' Ottubru 2020 (Dok. AZ2). Kien talab lil dan ir-raġel għan-numru tal-mobile u kien ċempel fuqu biex jassigura li veru tiegħu. Xehed illi madankollu, wara li għaddiet siegħa, l-imputata reġgħet ċemplitlu mill-mobile tagħha fejn qaltlu li kienet għadha l-Qorti għaliex il-pleġġ ma kienx għadu tħallas billi kienet għadha ma rċevietx il-flus, u reġgħet ċemplet ukoll iktar tard u qaltlu li r-raġel kien għadu ma marx jagħtiha l-flus u x'aktarx kien seraqhom.

Għalhekk huwa kien reġa' mar għand sieħbu Antoine biex isellfu €1,000 oħra. L-imputata bagħtet lil xi ħaddieħor biex jiġborhom u dawn kienu waslu għandha. Imbagħad Antonella kienet qaltlu biex l-imputata kienet weħlet multa ta' €8,000 u kellha bżonn il-flus biex tħallas din il-multa. Fil-fatt, l-imputata bdiet tiġi għandu fejn kienet tgħidlu li qed iwassalha Pulizija mil-lock-up, biex tiġbor il-flus mingħandu. Hu kien taha s-somma ta' €4,000 li kienet talbitu biex tħallas lil Edward Gatt, kif ukoll €6,000 biex tħallas l-ispejjeż tal-Qorti.

Anthony Zammit xehed illi kellu jiddejjen man-nies biex iħallas dawn il-flejjes għall-imputata u b'kollox ħallas is-somma totali ta' €22,000 konsistenti fil-flus tal-multa fis-somma ta' €8,000, €4,000 għall-avukat, €6,000 spejjeż tal-Qorti u €3,000 jew €4,000 li kien għaddha lil Antonella fil-bidu. Darba minnhom kien ċempillu wkoll l-avukat Edward Gatt fis-7 a.m. fejn qallu li kellu bżonn is-somma ta' €500 sad-9 a.m. u kien mar għand Antoine Micallef li kien sellifhomlu. L-avukat kien ġie għandu biex jiġbor il-flus u ddeskrivih bħala persuna mhux twila u mibni żgħir ħafna.

Meta kien staqsa lill-imputata dwar is-sekwestri li kellha fuq il-kontijiet tal-bank, kienet qaltlu li kienet wirtet il-flus mingħand missierha li kien miet għoxrin sena qabel u qatt ma kienet ħallset xejn u riditu jkun il-prokuratur tagħha biex jeħodilha ħsieb il-flus tagħha għaliex hi traskurata, u qaltlu wkoll li Dr. Edward Gatt kien diġa' lesta l-prokura. Madankollu, din il-prokura qatt ma waslet għandu.

Anthony Zammit ikkonferma illi b'kollox huwa kien ħallas fuq talba tal-imputata is-somma ta' €22,000 għall-ħabta ta' Settembru u Ottubru 2020 u dam iħallas dan il-flus fuq xaharejn.

Imbagħad l-imputata qaltlu li kienet qabbdet lil Dr. Gianluca Caruana Curran li kellu wkoll il-prokura tagħha, u dan l-avukat kien ċempillu minn fuq numru privat fejn qallu li jekk jitneħħew is-sekwestri minn fuq il-kontijiet tal-bank tal-imputata, kien ser ikollha f'idejha s-somma ta' €200,000. L-avukat qallu wkoll illi biex jitneħħew dawn il-mandati, l-imputata kellha bżonn tħallas is-somma ta' €40,000. Hu kien iddejjen biex issellef dan l-ammont u kien għadda l-flus lill-imputata iżda l-avukat Caruana Curran kien qallu li kien hemm mandat ieħor u għalhekk il-mandati ma setgħux jintneħħew. Dawn il-fondi kien sellifhom mingħand Antoine Micallef, Joe Coleiro, Joe Giordmaina u Joe ta' La Stalla iżda eventwalment, huma kienu bdew iċemplulu biex iħallashom lura u hu kien jgħidilhom li l-flus suppost ikun għandu tliet ijiem oħra iżda l-flus qatt ma waslu. Uħud minn dawn il-kredituri kienu wkoll jiġu għandu d-dar għall-flus u darba minnhom qala' xebgħa mingħand wieħed minnhom li kien tah bil-ponn fl-entratura tal-appartament tiegħu u qasamlu rasu. Għamel xahar ma setax jorqod bl-inkwiet. Ikkonferma illi kien għamel kuntratt ma' din il-persuna għand in-nutar, fejn kien aċċetta li jagħmel ipoteka fuq l-appartament tiegħu b'garanzija għall-ħlas tal-flus li kien sellef.

Anthony Zammit spjega wkoll fix-xhieda tiegħu illi f'Diċembru 2020 jew Jannar 2021, l-imputata kienet qaltlu li kienet wirtet mingħand ħabib tagħha, ċertu Joe Debono magħruf bħala 'il-Qomos', żewġ garaxxijiet, wieħed ta' żewġ karozzi u l-ieħor ta' tliet karozzi wara l-knisja ta' Birkirkara. Peress li huwa kien jaf lil din il-persuna u jaf li kien sinjur, kien emmen lill-imputata. Kienet qaltlu wkoll li kienet ser tagħtih wieħed minn dawn il-garaxxijiet għall-paċenzija kemm kien ilu jagħtiha flus u barra dan kienet ser tagħtih ukoll €150,000 biex jista' jħallas lura lil kull min kien sellef flus mingħandu u jibqa' xi ħaġa għalih.

Anthony Zammit xehed ukoll li lill-imputata ġieli taha wkoll xi €6,000 biex tħallas lill-avukat Caruana Curran. Dan l-avukat darba kien ċempillu fl-4 a.m. u qallu li kien hemm l-inkwiet għaliex kien feġġ sekwestru ieħor ta' €3,000, u dak il-ħin beda jara minn fejn seta' jġib dan il-flus. L-imputata wkoll kienet iċċempillu fis-2 a.m. fejn kienet tgħidlu li qiegħda għand l-avukat u kienet titolbu l-flus dak il-ħin biex tħallas lill-avukat għaliex kienu ser jiftħulha l-kont fil-għodu u tkun tista' tiġbed il-flus. Xehed illi huwa kien jemminha meta kienet tgħidlu li kienu ser jiftħulha l-kontijiet u għalhekk kien jiġġennen biex jara minn fejn kien ser ilaqqat il-flus li kienet titolbu. Spjega illi l-imputata kienet il-ħin kollu ġejja u sejra għall-flus, u kienet tasal għandu b'taxi u mbagħad kien iċempillu l-avukat Caruana Curran biex jgħidlu li l-flus kienu waslu għandu u li għandu r-riċevuti kollha tal-ispejjeż li kien qed iħallas lill-qorti għall-mandati.

Xehed ukoll illi tliet xhur qabel, l-imputata kienet talbitu s-somma ta' €25 biex tħallas lill-avukat, li tiġi t-tifla ta' Dr. Giannella Caruana Curran, spejjeż ta' xi mandat, iżda hu kellu biss €20 u tahomlha għaliex kellu bżonn li jitneħħew il-mandati minn fuq il-kont biex jinġibdu l-flus. L-imputata qaltlu li sejra timpostahom fil-letter-box tal-appartament ta' Dr. Caruana Curran il-Qawra u hu talabha biex imur magħha. Marru Triton Court, 21, Triq it-Tamar, Qawra l-imputata ħarġet €5 hi stess u impostathom. Ċemplet il-bieb u saqsiet għal Dr. Caruana Curran, u l-persuna wieġbet fl-affermattiv. Meta l-imputata qaltilha li impostatilha l-flus, il-persuna l-oħra wieġbet "*Okay, mela in three days time jinfetħulek il-flus, ikollok il-flus*". F'okkażjoni oħra, kien ħallas lill-imputata s-somma ta' €150 għall-istess raġuni, u reġa' mar magħha fl-istess indirizz fejn l-imputata impostat il-flus fil-letter-box. Darb'oħra, fl-istess żmien, l-imputata talbitu jġib €8,000 minħabba l-mandati u kien irnexxielu jsellifhom mingħand ċertu Jason Grima li llum jekk jarah, jibża' li joqtlu għaliex għadu ma tahomlux lura. Kien iltaqa' magħha ħdejn il-knsija u qaltlu li ser tmur tagħti l-flus lill-

avukat Dr Gianluca Caruana Curran. L-imputata ġiet bil-karozza flimkien ma' tfajla, u qaltlu li kienet ġabet magħha lil oħt Dr. Caruana Curran u introduċietha bħala "*it-tifla ta' Giannella*". Anthony Zammit xehed illi din it-tfajla vera kienet tixbaħ lil Dr. Giannella Caruana Curran u qalilha biex issellilu għal ommha għaliex kien jafha. Tahom il-pakkett ta' €8,000 u telqu.

Anthony Zammit xehed illi madwar xaharejn qabel, l-imputata kienet ċemplitlu fil-11.00 p.m. u talbitu jsarraf mitt dollaru iżda għalkemm ma kienx aċċetta, kienet ġiet fejn joqgħod hu u sarrafhomlha billi taha €80 li ħadhom mill-cash register tal-ħanut fejn jaħdem. L-għada kien induna li l-karta tal-mitt dollaru li kienet tatu kienet falza għaliex fuqha kien hemm mitkub "*for movie use only*" iżda dan ma setax jaraha meta tathielu għaliex tathielu fit-triq bil-lejl u ma kienx hemm ħafna dawl. Għalhekk kellu jirrifondi lill-ħanut minn butu.

Imbagħad, f'okkażżjoni oħra, ukoll xi xahar jew xaharejn qabel, kienet ċemplitlu l-imputata u qaltlu li sejra tgħaddi għalih mal-assistenta tal-avukat Caruana Curran għaliex riedet tkellmu. Ġew għalih iċ-Ċirkewwa b'karozza mikrija u l-assistenta, Antonella, li kienet ukoll avukat, qaltlu li għandha bżonn €500 għaliex kienet għamlet rikors fil-Qorti biex tiżgombra lill-inkwilini mill-post ta' Tas-Sliema tal-imputata, u qaltlu li l-għada fit-8.30 a.m. biex imorru l-bank fejn kellha appuntament biex jiġbdu l-flus. Hu emminha peress li qaltlu li hi avukat u kien ġibed is-somma ta' €500 mill-ATM għaliex kienet għadha kif daħlet il-pensjoni tiegħu, u tahulhom f'idejhom. Iżda filgħodu kienet ċemplitlu Antonella u qaltlu li kellu bżonn iħallas €300 oħra u kienet ġejja għalihom fil-11.00 a.m. Meta Antoine Micallef irrifjuta jsellfu iktar flus, irnexxielu jsellifhom mingħand ħabib tiegħu li jbiegħ il-ħaxix u li kien inzertah fit-triq quddiem il-bank. Hu kien talabhom jiffirmawlu riċevuta li kien tahom il-flus u

r-raġuni għaliex kienu tħallsu dawn il-flus, u kkonferma li Antonella kienet tatu l-karta li ġġib id-data 30 ta' Marzu 2021[2].

Iżda l-imputata u Antonella baqgħu ma tfaċċawx għall-appuntament il-bank u meta fl-aħħar l-imputata wieġbet il-mobile, qaltlu li kienet iġġieldet mal-avukat, Antonella, għaliex talbitha iktar flus ta' idejha.

Kien ċempillu wkoll l-avukat Caruana Curran li kien ikkonfermalu li l-imputata kienet ser tħallielu garaxx li jiswa €70,000 u ser tagħtih ħafna flus u qallu biex imur għandu ħalli jagħmlu l-kuntratt tal-garaxx għaliex għandu nutar fl-uffiċċju tiegħu. Imbagħad kien ċempillu xi ħadd li qallu li hu nutar u qallu li jrid iħallas €550 f'taxxi tas-suċċessjoni fuq il-wirt tal-garaxxijiet u għalhekk kien ra minn fejn ġab il-flus u għaddihom lill-imputata li qatlu li marret bihom għand in-nutar. Kienet qaltlu wkoll li l-garaxxijet kienu sekwestrati b'mandati għaliex kien hemm dejn ta' €15,000 fuqhom, u l-kredituri kellhom jitħallsu għaliex inkella l-mandati fuq il-kontijiet tal-Bank of Valletta u HSBC ma kienux sejrin jiġu rilaxxati. Imbagħad l-imputata kienet qaltlu li t-tifla ta' Joe Debono, Donna, bdiet tallega li għandha dritt fuq il-garaxxijiet ta' missierha u kienu ftiehmlu li hija tħallas is-somma ta' €12,000 lil Donna biex ma tagħmlilhiex mandati fuq iż-żewġ garaxxijiet. Hu kien għadda s-somma ta' €5,000 lill-imputata biex tgħaddihom lil Donna. Għalkemm in-nies kienu qed jgħidulu li qiegħed fl-għama u biex joqgħod attent x'kien qed jagħmel bil-flus, hu qatt ma pprova jċempel jew jitkellem ma' Donna direttament fuq din il-kwistjoni għaliex kien jaf li kienet l-uniku wild ta' Joe Debono u dejjem kien joqgħod fuq dak li tgħidlu l-imputata. Iżda kull meta kien jgħidilha biex imur magħha għand l-avukat jew għand Donna, l-imputata dejjem kienet toħroġ b'xi skuża jew oħra. Kien taha wkoll €800 biex tgħaddihom lil Donna u qalilha li ried imur magħha meta tmur tħallas lil Donna. Kien rikeb mal-imputata u ma' tnejn min-nies

[2] Paġna 79 tal-atti tal-kompilazzjoni – parti minn Dok. MM1 (kopja awtentikata).

barranin ġewwa taxi u marru Buġibba fejn l-imputata qaltlu biex jibqa' jistenniha barra għaliex qaltlu li Donna ma tieħux pjaċir jekk jidħol.

Anthony Zammit ikkonferma illi b'kollox kien ħallas is-somma ta' €12,000 għal dawn il-garaxxijiet kif ukoll il-flus li kien għadda lill-avukat. Dan kollu għaliex l-imputata u l-avukat tal-imputata, li qaltlu li huwa Dr. Gianluca Caruana Curran, kienu wiegħduh li l-garaxx li jiswa €70,000 kien ser jiġi trasferit f'ismu. Iżda kull darba kienu jgħidulu li nqalgħu iktar sekwestri kull darba li jkunu sejrin il-bank, l-imputata dejjem iċċempillu fil-għodu biex tgħidlu li fadal l-inkwiet, fadal spejjeż x'jiħallsu "*u jien dejjem qiesni l-ħmar u l-karrottu ma nilħqu qatt*".

Ikkonferma wkoll illi b'kollox kien issellef is-somma totali ta' €86,000 mingħand nies differenti biex iħallas dawn l-ispejjeż li l-imputata kienet tgħidlu li jridu jitħallsu biex il-kontijiet jinħelsu mis-sekwestri[3], jitneħħew il-mandati, jitħallsu l-ispejjeż tal-Qorti u l-avukati, taxxi tal-suċċessjoni kif ukoll il-flus li kellhom imorru għand Donna għall-garaxx: kollox sabiex jinġibed il-flus mill-kontijiet bankarji tal-imputata li kienet wiegħditu li sejra tgħaddilu biex jista' jħallas id-dejn li kien għamel biex iħallas l-istess spejjeż, kif ukoll sabiex il-garaxx li wiegħditu l-imputata jista' jiġi trasferit lilu. Tant kien iddisprat biex iħallas lura lill-kredituri tiegħu u jakkwista l-garaxx f'ismu li kien anke biegħ xi deheb u ġojjellerija li kellu, li b'kollox kienu jiswew €5,000, għall-prezz ta' €2,000 biss u kkonferma illi b'kollox, inkluż il-flus li kien ħareġ minn butu stess, huwa kien ħallas lill-imputata u lill-persuni li qaltlu biex jgħaddilhom il-flus, madwar €91,000.

[3] Ara ammonti imniżżlin fuq Dok. JR2, f'paġna 15 u 16 tal-atti tal-kompilazzjoni, miktubin minn Anthony Zammit.

Xehed illi l-imputata kienet theddu li jekk ma jġibilhiex il-flus li kienet titolbu biex tħallas is-sekwestri u l-mandati, ħadd mhu ser jieħu xejn "*u kont nitwerwer, jien dejjem inġib dak id-dejn, nies iċempluli, mobile il-ħin kollu 'vvvvv' illum nitfiħ, bdejt nitfih għax ma stajtx inlaħħaq*".

Ikkonferma illi dawn il-flejjes kien tahom lill-imputata f'idejha, ħlief għall-flus li kien ħallas lil Antonella u lill-persuni li kienu ġew jiġbru xi flus.

**Il-verzjoni tal-imputata, Carmela Cini**, li jirriżulta li hija magħrufa wkoll bħala Charmaine Camilleri, toħroġ mill-istqarrija li rilaxxat matul l-interrogazzjoni tagħha mill-Pulizija fil-25 ta' April 2021, fejn insistiet illi lil Anthony Zammit qatt ma ħaditlu l-flus iżda kien hu li taha l-flus u dan billi kien silfilha madwar €9,000 ftit ftit fuq medda ta' sentejn mill-Milied tas-sena 2020 'l quddiem. Aċċettat li għandha tħallsu lura l-ammont ta' €9,000 biss, u f'dan l-ammont hemm inkluż fih ukoll il-prezz tal-ikel u x-xorb li kienet tieħu mill-ħanut tal-pastizzi fejn kien jaħdem. Sostniet illi Anthony Zammit kien iniżżel kull ma kien jagħtiha f'ikel, xrob u flus fuq ktieb u asseriet ukoll li Anthony Zammit riedha jitħallas €4,000 f'imgħaxijiet fuq is-somma ta' €9,000 li silifilha.

Fl-istess stqarrija, l-imputata sostniet illi Anthony Zammit kien jittantaha u ġieli kellha x'taqsam miegħu, anke fid-dar tiegħu stess, u kienet tmur ħdejh kuljum fil-ħanut fejn kien jaħdem. Insistiet li l-flus sellfithom u mhux ħadithom mingħand Anthony Zammit. Qalet ukoll li kien jagħtiha l-flus volontarjament kull meta kienet titlobhomlu u ġieli wkoll kien jagħtiha hu minn jeddu, u ċaħdet li qarrqet bih biex taha l-flus. L-imputata innegat ukoll li kienet qaltlu li kellha sekwestri fuq il-kont bankarju tagħha u sostniet li qatt ma vvintat stejjer li kellha bżonn il-flus biex tħallas spejjeż tal-avukat jew spejjeż biex tirrilaxxa l-kontijiet tal-bank. Qalet ukoll li ma tafx min hi Nikita McAnally, ma tkellimhiex u ma għandhiex x'taqsam magħha. L-imputata ċaħdet li kienet

iffirmat id-dokument miktub minn "Dr. Antonella Vella Bondin" u insistiet li ma tafx tikteb u li l-firma fuq id-dokument m'hijiex tagħha.  Innegat ukoll li qatt biegħet lil Anthony Zammit xi mobile phone u li ħallasha €8,000 fuq mobile misruq.

L-imputata ma ressqet ebda xhieda jew provi oħra għad-difiża tagħha fuq il-mertu tal-akkużi.

Ikkunsidrat;

Hawnhekk għandu jingħad illi l-akkużi li għandha quddiemha l-Qorti huma dwar reati li allegatament ġew kommessi "*fix-xahar ta' April 2021 u fix-xhur ta' qabel*".  B'dan il-Qorti tifhem illi l-Prosekuzzjoni llimitat il-parametri temporali tal-kommissjoni tar-reati għax-xahar ta' April 2021 u għax-xhur li jiġu minnufih qabel, iżda eskludiet mill-iskop taż-żmien, reati li ġew kommessi fis-sena ta' qabel.  Dan qed jingħad għaliex il-Qorti ma taqbilx illi l-indikazzjoni tax-"*xhur ta' qabel*" April 2021, bħala ż-żmien tar-reati addebitati lill-imputata, tista' titwessa' biex tinkludi fiha fatti li seħħew fis-sena ta' qabel, ċioe' fl-2020.

Dan il-prinċipju ġie mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant kien ġie mixli b'reati li kienu ġew allegatament kommessi "*ghall-habta tas-7.30 p.m.*" filwaqt li mill-evidenza rriżulta li l-inċidenti kien seħħ "*ghall-habta tas-7.30 a.m.*"-

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab.  Il-frazi "ghall-*

*habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara."*[4]

Imbagħad, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**[5], l-istess Qorti riteniet:-

*"Kwindi d-data indikata fic-citazzjoni qatt ma kellha tigi indikata bhala l-'24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel' billi dan ifisser illi l-appellanti kien qed jigi akkuzat illi ikkometta r-reat addebitat lilu f'dik il-gurnata jew f'xi granet qabel dik id-data u mhux fix-xhur ta' qabel. Illi il-bidu ta' Novembru 2009 certament ma jistax jaqa' fil-kwalifika tal-kliem "il-jiem ta' qabel" billi dan jirreferi ghax-xahrejn u nofs li ipprecedew iz-zmien indikat. Il-Qorti allura ser tieqaf hawn u tistqarr minnufih illi l-appellanti ghandu ragun fl-ewwel aggravvju minnu intentat. Dan ghaliex huwa qatt ma jista' jigi misjub hati li ikkometta r-reat lilu addbitat fid-data indikata fic-citazzjoni billi kellu jirrizulta ampjament mill-atti illi semmai dan ir-reat sehh ghal habta tal-bidu ta'Novembru 2009 jew ghal ta'l-inqas fix-xhur bejn Frar 2009 u Jannar 2010 u mhux certament fiz-zmien indikat fl-akkuza"*

Il-Qorti tistenna illi jekk l-Prosekuzzjoni riedet tinkludi fl-iskop tal-partikolarita' ta' żmien tal-akkużi, fatti li seħħew mhux biss fix-xhur qabel April 2021 iżda wkoll fis-sena preċedenti, 2020, iċ-ċitazzjoni kellha tindika li r-reati addebitati seħħew ukoll fis-sena ta' qabel. Madankollu, kif imfassla, iċ-ċitazzjoni ma tagħmel ebda referenza kwalsiasi għal fatti li seħħew fis-sena ta' qabel u għalhekk, avvenimenti u fatti li seħħew fis-sena preċedenti, 2020, inkluż għalhekk il-qerq illi mill-provi jirriżulta li seta' ġie kommess għad-dannu ta' Anthony Zammit, u t-telf patrimonjali li seta' ġarrab, bejn Ottubru u Diċembru

[4] See also **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, decided by the same Court 10th April 2014 and **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, 26th January 2017.
[5] 26th January 2017.

2020, ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi stabbilit il-konkorrenza tal-elementi kostituttivi tar-reati addebitati lill-imputata taħt l-artikoli 188, 189, 308 u 309 tal-Kap. 9.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') v. Emanuel Ellul**[6] ġie ritenut:-

"*Kif inghad, l-imputat gie mixli illi kkommetta r-reat tal-uzurija "fl-20 ta' Marzu 2012 jew fix-xhur ta' qabel". Isegwi ghalhekk illi kif impostata, l-imputazzjoni tirreferi ghal fatti li graw fl-20 ta' Marzu jew fix-xhur vicini ta' dik id-data. Ghalkemm l-imputazzjoni giet dedotta bhala reat kontinwat, il-Qorti ma tqisx illi l-kuncett legali tal-kontinwita` a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali jista' jestendi oltre l-parametri temporali espressament dedotti fl-akkuza, ghaliex il-Qorti ma tista' qatt issib htija ghal xi reat li jkun sehh fi zmien iehor jew f'hin iehor u mhux dak indikat fl-akkuza.*

*... ... ...*

*Huwa rikonoxxut illi z-zmien huwa cirkostanza materjali u sostanzjali tal-kaz tal-Prosekuzzjoni, b'dan illi jekk il-parametru taz-zmien ikun gie indikat hazin, allura l-binarji tal-azzjoni wkoll jitqiesu li huma hazin. Ghalkemm m'huwiex rikjest mil-ligi li fl-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni tindika bi precizjoni matematika iz-zmien tal-allegat reat, huwa certament desiderabbli li jsir hekk, specjalment fejn, bhal fil-kaz odjern, jirrizulta mill-provi illi l-imputat kien ilu jislef flus lill-konjugi Worley sa minn Novembru 2010 u kwindi fuq medda ta' iktar minn sena. ... ... ... Fil-kaz tal-imputazzjoni odjerna, iz-zmien indikat fl-akkuza jirreferi ghal xhur u mhux snin u ghalkemm bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal-fatti li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni jista' jitqies li gie estiz ghal diversi xhur ohra, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-*

[6] 10th April 2019, delivered by this Court as presided. Cited with approval in the judgement delivered by the Court of Criminal Appeal in the names **Il-Pulizija v. Harish Daswani** on the 1st September 2020.

*kelma xhur, b'mod generali ghandhom ifissru dawk il-ftit xhur qabel id-data specifikata, u ma jistghu qatt jiggebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu sehhew tnax-il xahar jew iktar, qabel. Inoltre, il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi* ***ma jistghux jidhlu fl-iskop tal-kliem "fix-xhur ta' qabel", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl- imputazzjoni, f'dan il-kaz l-20 ta' Marzu 2012****.*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Dan l-insenjament ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Harish Daswani**[7], fejn ġie ritenut, abbażi tal-prinċipju appena msemmi:-

"*... that the Court could not have found guilt on the first charge in view that not all the elements of the offence took place in the period mentioned in the charge sheet. The Court is therefore abstaining from taking cognisance of the second grievance regarding article 248A of the Criminal Code as well as parts of the third grievance through which regard the charge of human trafficking, ...*"

Barra dan il-fatt li l-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx il-korrezzjoni taż-żmien kif indikat fiċ-ċitazzjoni biex dawn jinkludu espressament b'riferenza għall-akkużi, fatti li seħħew qabel l-1 ta' Jannar 2021.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri**[8], osservat in propositu:

*"Issa, l-appellat gie akkuzat permezz ta' citazzjoni fejn gie ndikat li l-allegat stupru gie kommess fuq Leonard Camilleri "fis-sajf tal-1992 fil-Marfa".*

---

[7] *Ibid*.
[8] Deċiża 18 ta' April 2012.

*Leonard Camilleri, fix-xiehda tieghu tul il-kompilazzjoni tal-provi, xehed li sehh stupru fl-Istitut ta' San Guzepp. ...*

... ... ...

*"Jekk tul il-kumpilazzjoni Leonard Camilleri qal li kien sehh stupru fl-Istitut ta' San Guzepp, il-prosekuzzjoni setghet taghmel dak li solitament isir, u cioe` li tintalab korrezzjoni fic-citazzjoni. Meta l-Avukat Generali rrinvija l-atti ghall-gudizzju minghajr ma talab li ssir korrezzjoni fit-tieni imputazzjoni, kien qieghed jintrabat "mal-fatti" kif espressi fl-imputazzjonijiet originali. Il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni kienu dwar allegat stupru li sehh fl-Istitut ta' San Guzepp. L-appellat gie akkuzat li kkommetta stupru fil-Marfa. Dawn huma postijiet f'inhawi ghal kollox differenti f'Malta."*

**Għalhekk, abbażi ta' dan l-insenjament paċifiku, il-Qorti, biex tistabbilixxi reita' dwar l-imputazzjonijiet miġjuba fiċ-ċitazzjoni, sejra tieħu in konsiderazzjoni biss il-fatti li seħħew mill-1 ta' Jannar 2021 'l quddiem mingħajr qies tal-fatti li seħħew fis-sena ta' qabel. Iżda tagħmilha ċar li mhux sejra twarrab dawn il-fatti għal kollox għaliex meta tiġi biex tagħmel apprezzament tal-provi biex twieżen il-kredibbilita' tax-xhieda, l-evalwazzjoni tal-provi teħtieġ li tkun waħda sħiħa u effettiva abbażi tal-kumpless tal-provi kollha miġjuba fl-atti proċesswali.**

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti bla tlaqliq tgħid illi ma għandha ebda riżervi dwar il-veraċita' tax-xhieda tal-parti offiża, u hija konvinta li għandha tagħti affidabbilita' sħiħa lill-verżjoni li xehed dwarha. Dan mhux biss għaliex hija osservat lil Anthony Zammit jixhed quddiemha u evalwat il-komportament ġenwin tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, iżda wkoll għaliex il-verżjoni tiegħu hija korroborata u sostanzjata pjenament mill-provi l-oħra li ġew imressqa 'l quddiem mill-

Prosekuzzjoni, fosthom ix-xhieda tal-persuni li kienu assistew lill-imputata fit-twettiq tal-frodi, kif ukoll il-kredituri li kienu silfu l-ammonti kbar ta' flus lil Anthony Zammit biex iħallas bihom lill-imputata.

Antonella Carter Olivari, il-kompliċi tal-imputata li kienet wasslet lill-imputata biex tiġbor lil Anthony Zammit miċ-Ċirkewwa u fuq struzzjonijiet tal-imputata, ippużat bħala l-avukat tagħha – skont kif xehed ukoll l-istess Anthony Zammit – ikkorroborat pjenament din il-verżjoni. Hija xehdet kif diversi xhur qabel, l-imputata, 'Charmaine', kienet talbitha biex issellifha l-karozza tagħha, bin-numru ta' reġistrazzjoni LLY-164, biex tgħaddi għall-għarus tagħha iċ-Ċirkewwa. Hi ma setgħetx tagħmel dan u għalhekk offriet li twassalha bil-karozza tagħha. Xehdet illi marru għal raġel anzjan iċ-Ċirkewwa li Charmaine qaltilha li jiġi l-għarus tagħha u kien itiha l-flus, u fit-triq l-imputata qaltilha biex quddiemu tagħmilha tal-avukat tagħha, għalkemm m'hijiex avukat. Ir-raġel, li kien anzjan, rikeb fil-karozza u hi introduċiet ruħha bħala l-avukat Bondin jew Caruana Curran. Xehdet ukoll li l-imputata bdiet tkellmu fuq xi ammont sostanzjali ta' flus, madwar €200,000, li kellhom jinġabru mill-bank l-għada u bdiet titlob lil dan ir-raġel għall-flus. Ikkonfermat illi kienet wasslet lil dan ir-raġel ħdejn il-Maypole fil-Qawra u kien spiċċa ħallas €300 lill-imputata, liema flus kien sellifhom dak il-ħin mingħand xi ħadd fit-triq. Lilha beda jitlobha biex tgħinu għaliex kellu ħafna dejn.

Antonella Carter Olivari xehdet ukoll li l-imputata kienet qaltilha biex tikteb karta biex ir-raġel ikollu riċevuta tal-flus li kien ħallasha, u kkonfermat illi kienet kitbet id-dokument li jinsab esebit f'paġna 79 tal-atti tal-kompilazzjoni. Xehdet ukoll li kienet taf li l-flus li l-imputata kienet ħadet mingħand l-anzjan kienu biex tixtri d-drogi bihom u tħallas bihom lil ċertu Denis Cremona, u kkonfermat ukoll li l-anzjan ħallas il-flus lill-imputata u hi ma ħadet xejn minnhom.

Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll biex jixhdu, lil Dr. Gianluca Caruana Curran, li kkonferma li ma jafx lill-imputata u qatt ma kienet klienta tiegħu, u lil Dr. Edward Gatt, li xehed illi għalkemm ġieli assista lill-imputata fuq xogħol legali, kien ilu ma jaraha xi sena u nofs. Iż-żewġ xhieda kkonfermaw li ma jafux min hu Anthony Zammit.

Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll biex tixhed lil Nikita McAnally, komplići oħra tal-imputata, li affermat *in toto* l-verzjoni ta' Anthony Zammit in kwantu l-parteċipazzjoni tagħha fl-ingann. Nikita McAnally xehdet illi Charmaine Cini, l-imputata, kienet qaltilha li Twanny, raġel anzjan li kien jaħdem fil-ħanut tal-pastizzi faċċata tal-knisja tal-Qawra, kien iselfilha l-flus. Qaltilha wkoll li kellha bżonn mingħandha xi tip ta' dokument biex turih lil Twanny sabiex huwa jemmen li ser ikollu minn fejn jista' jitħallas lura u biex fuqu jista' jsellifha iżjed flus. Għalhekk, hi kienet ġabet *bank statement* tal-kont bankarju tagħha stess, editjat l-isem u l-kunjom u skenjat l-isem u l-kunjom ta' Charmaine biex jidhru minflok, bidlet ukoll l-indirizz fuq l-istatement u pprintjat id-dokument mibdul.

Nikita McAnally xehdet ukoll li dak iż-żmien hi kienet tieħu d-drogi flimkien ma' Charmaine u kienu jkunu fil-kumpannija ta' xulxin, u dehrilha illi iktar ma jirnexxielha tikseb flus Charmaine, iktar ser ikollha x'tonfoq u setgħet tgawdi hi wkoll. Għalhekk, kienet ċemplet lil Anthony Zammit u marret tiltaqa' miegħu fejn ippużat ta' nutar bl-isem Antonella u wrietu l-istatements tal-bank li qaltlu li huma tal-kontijiet tal-imputata li juru illi kellha minn fejn tħallsu lura tal-flus li kien qed jisfililha. Ġabet ukoll kuntratt ta' bejgħ ta' dar li kienet f'isimha u f'isem ħutha, iżda ma kienet bidlet xejn għaliex kienet intebħet li Twanny kien qed jemmen dak kollu li kienet qed tgħidlu.

Nikita McAnally ikkonfermat illi abbażi ta' dawn id-dokumenti li kienet urietu, Anthony Zammit kien ta lill-imputata xi €2,000 f'kontanti u l-imputata kienet għaddithomlha, u kien hemm xi darb'oħra fejn Twanny kien talabha tagħmillu kopji tal-kuntratt u tal-proprjetajiet li Charmaine kellha f'isimha. Għal dan is-servizz hi talbitu jħallas u hu kien taha xi €500. Dan kollu ġara bejn Ottubru u Diċembru 2020. Hi kienet nefqet dan il-flus fuq droga iżda sostniet illi kienet Charmaine li ħarġet bl-idea biex dawn id-dokumenti jintwerew lil Twanny.

Il-fatt illi Anthony Zammit issellef mingħand diversi persuni biex iħallas lill-imputata l-flus li kienet titolbu ripetutament fuq medda ta' diversi xhur, huwa affermat mix-xhieda tal-kredituri infushom:- Antoine Micallef, li kien silef lil Anthony Zammit is-somma ta' €24,000 f'madwar sitt transazzjonijiet bejn Ottubru 2020 u Jannar 2021[9]; Joe Giordmaina, li b'kollox kien silef lil Anthony Zammit is-somma ta' €19,300 f'Diċembru 2020 u xehed li kien aċċetta li jisilfu għaliex kien tħassru peress li kien kważi jibki għall-flus[10]; Johnny Calleja, kien silef lil Anthony Zammit is-somma ta' €3,500 f'Jannar 2021; Jason Grima, illi kien silef is-somma ta' €13,500 lil Anthony Zammit f'Jannar 2021[11]; u Joseph Coleiro xehed li kien silfu s-somma totali ta' ċirka €18,000 fuq xi erba' darbiet bejn lejn l-aħħar tas-sena 2020 u f'Jannar 2021[12].

Dawn il-kredituri lkoll ikkonfermaw fix-xhieda tagħhom illi Anthony Zammit kien qalilhom li għandu bżonn isellef il-flus biex jista' jinħareġ il-flus minn xi kontijiet bankarji li kienu maqbudin b'sekwestri. Verżjoni li hija kompatibbli bis-sħiħ mal-fatti li joħorġu mix-xhieda ta' Anthony Zammit innifsu, li xehed enfatikament kif dejjem baqa' jislef il-flus lill-imputata biex il-fondi li kellha fil-kontijiet bankarji tagħha jiġu rilaxxati mis-sekwestri u b'hekk jiġi rifuż il-

[9] Dok. AM1 sa Dok. AM4.
[10] Dok. JG1 sa Dok. JG3.
[11] Dok. JC1.
[12] Dok. JC2 sa Dok. JC4.

flejjes li kien qed jisilfilha - fondi li kien ġie mqarraq jemmen bil-wiri lilu ta' *statement* bankarju falz, li kienu jammontaw għal €80,000 - u biex jitħallsu t-taxxi u l-ispejjez biex il-proprjeta' li kienet wirtet tiġi trasferita lilu kif ġie imwiegħed.

Fil-fatt, Joseph Coleiro xehed ukoll illi l-aħħar darba li Anthony Zammit talbu għall-flus, kienet ċemplitlu persuna li qaltlu li hi l-avukata ta' Charmaine, u qaltlu li jekk joħroġ il-flus, il-kontijiet jinfetħu dakinhar stess. Xehed ukoll illi ukoll illi darba minnhom, hekk kif kien għadda xi flus lil Anthony Zammit, ra li ġiet persuna li għarafha bħala l-imputata u ra lil Anthony Zammit jgħaddilha l-flus li kien silfu. Anthony Zammit imbagħad mar fuqu u qallu li l-kontijiet kienu ser jinfteħu dakinhar stess. Rah ukoll dak il-ħin imur fuq wieħed li kien ġie jikkonsenja xi xogħol il-Maypole u marru l-ATM flimkien fejn il-persuna l-oħra ġibdet xi flus, u ra lil Anthony Zammit jgħaddi dan l-flus lill-imputata[13]. Hu kien jaf li l-imputata kellha problema ta' droga u għalhekk beda jaħseb ħażin u għalhekk kien ikkonfrontaha fejn qaltlu li kienet wirtet żewġ garaxxijiet mingħand ċertu 'Ġanni Qomos' u kellha wkoll il-wirt ta' missierha.

L-imputata ma ressqet ebda prova li turi imqar sal-grad tal-probabbli, li tassew kienet wirtet dawn iz-żewġ ġaraxxijiet mingħand Joseph Debono u ma hemm xejn fl-atti proċesswali li juri li l-imputata kellha fondi maqbudin f'xi kontijiet bankarji.

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija bir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali.

[13] Dan hu pjenament kompatibbli mal-verżjoni ta' Anthony Zammit u Nikita McAnally.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** *li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bill-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94).* ***Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent*** *(**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140).* (enfasi ta' din il-Qorti)

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qiegħed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu użati sabiex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għal telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal[14] illi "*hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat*." Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza in materja. Per eżempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza **Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech** (03.01.1896 – Kollez.XV.350) intqal illi "*quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.*"

Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' '*raggiri o artifizi*' – dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[15].

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu.

Fir-rigward ingħad:-

"*... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument*

---

[14] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020

[15] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

*tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*"[16]

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

L-elementi essenzjali tar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308, u r-reat ta' frodi nnominata taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, huma identiċi u huma biss il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mir-reat minuri. Filwaqt li kif rajna diġa', ir-reat ta' truffa jeħtieġ l-użu ta' apparat estern konsistenti f'raġġiri jew artifizzji li jsaħħaħ il-kredibbilita' tal-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur, ossia l-messa in xena, fir-reat minuri taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba sempliċi hija biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[17].

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[18] riteniet-

"*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli*

[16] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.
[17] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.
[18] Deċiża 9 ta' Ġunju 1998.

*taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Ikkunsidrat;

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina il-Qorti hija pjenament sodisfatta illi fil-fatti li joħorġu mix-xhieda u l-provi li nġabu mill-Prosekuzzjoni, huma riskontrabbli l-elementi kollha tar-reat ta' truffa kif imfisser fil-ġurisprudenza paċifika in materja.

Illi l-Qorti rriproduċiet f'ċertu dettall ix-xhieda ta' Anthony Zammit u tal-kompliċi tal-imputata, għaliex b'hekk biss wieħed jista' jifhem l-estremi tal-frodi li ġie perpetrat mill-imputata u kif din l-iskema baqgħet titħaddem b'suċċess fuq medda ta' sentejn u nofs sħaħ. Huwa minnu illi Anthony Zammit, il-vittma, seta' kien fidil iżżejjed u iktar inġenwu minn dak normalment mistenni minn persuna matura, għaliex jidher li emmen b'għajnejh magħluqa l-istejjer fantastiċi ivvintati mill-imputata biex tissostanzja t-talbiet tagħha għas-self ta' għexieren ta' eluf ta' euro fuq perijodu daqshekk imġebbed ta' żmien. Iżda wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll illi l-imputata ma llimitatx ruħha għall-gideb, iżda biex tassigura li l-ingann jibqa' effettiv, addossat il-gideb tagħha b'reċti teatrali u bil-wiri ta' dokumenti foloz u l-użu ta' ismijiet u kwalifiċi foloz fejn il-kompliċi tagħha ppersonifikaw u użaw l-ismijiet ta' professjonisti reali fil-qasam legali (avukati, nutara u assistenti tagħhom) - kulħadd taparsi mqabbad mill-imputata, sinjura kbira b'ħafna assi ta' valur - biex jagħmlu x-xogħol legali li kien hemm bżonn biex jiġu rilaxxati l-assi immobbiljarji tagħha u l-eluf kbar li kellha fil-kontijiet bankarji tagħha u b'hekk kulħadd jista' jitħallas ta' xogħolu. Assi li evidentement l-imputata ma kellhiex

għaliex id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali juru li l-imputata ma kellha ebda fondi kwalsiasi fil-kont bankarju tagħha[19].

Din l-iskema frawdolenti li bdiet titħaddem mill-imputata meta rnexxielha tikkonvinċi lil Anthony Zammit jsellifha flus b'rikatt minħabba l-istorja tal-mobile phone misruq u in segwitu ingannatu biex jemmen speċifikatament illi hija kellha bżonn il-flus biex tħallas il-kredituri li kienu ssekwestrawlha l-kontijiet bankarji kif ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji għat-tneħħija tal-mandati, u biex tħallas it-taxxa tas-suċċessjoni u spejjeż oħrajn biex jiġu rilaxxati l-garaxxijiet li wieħed minnhom kienet wiegħditu li jiġi trasferit lilu. B'hekk, daħlitu f'ċirku vizzjuż billi bl-użu ta' artifizji u raġġiri maħsuba biex iżejnu l-istorja, ipperswadietu jkompli javvanzalha somom kbar ta' flus - anke billi spiċċa jiddejjen ma' terzi persuni biex jista' jħallasha dak li talbitu - bl-iskuża li biex ikun jista' jiġi rifuż il-flus li kien qed isellfiha huwa stess kif ukoll bit-theddida li jekk ma jsellifhomlhiex, ħadd ma jieħu xejn. Tant kienet ta' suċċess din l-astuzja li Anthony Zammit spiċċa jħallasha s-somma totali ta' ċirka €90,000 fuq medda ta' madwar sentejn.

Il-Qorti żżid tgħid li x-xhieda ta' Nikita McAnally u Antonella Carter Olivari tikkostitwixxi prova skjaċċanti tal-messa in xena li ħolqot l-imputata għall-ingann ta' Anthony Zammit: messa in xena li baqgħet tinħadem konsistentement sal-aħħar biex jibqa' jħallas il-flus, filwaqt li x-xhieda tal-kredituri tkompli tafferma kif huwa kien sellef mingħandhom għaliex kien ingannat mir-raġġiri tal-imputata biex jemmen li qed iħallas mara sinjura li kellha bżonn il-flus biex il-kontijiet bankarji tagħha jiġu rilaxxati mis-sekwestri u biex tkun tista' tbiegħ il-proprjeta' immobiljarji li kienet wirtet.

[19] Ara Dok. LA1 u xhieda Lorraine Attard, 6 ta' Jannar 2022.

Il-Qorti għaldaqstant tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, l-elementi kollha kostituttivi tar-reat ta' truffa għaliex inġiebu provi konkreti li jistabbilixxu b'mod konklussiv illi l-imputata ingannat lil Anthony Zammit mhux biss b'gideb sempliċi – li kellha ammont kbar ta' flus fil-banek u proprjeta' immobbli meta dan ma kienx minnu - iżda b'falsitajiet li ġew addossati b'apparat estern konsistenti fl-użu ta' ismijiet foloz, reċtar, dokumenti falsifikati. Dawn l-artifizji evidentement impressjonaw lill-parti offiża tant li ġie ingannat jemmen, u baqa' konsistentement jemmen, fl-intrapriża falza maħluqa mill-imputata, illi jekk ma jħallasx il-flus li kienet titolbu l-imputata u l-kompliċi tagħha, kien ser jibqa' b'xejn. Iktar minn hekk, Anthony Zammit għamel telf patrimonjali b'effett ta' dan l-ingann, għaliex avvanza lill-imputata somom sostanzjali ta' flus, liema ħlas sarraf fi gwadann għall-imputata.

Ikkunsidrat;

Illi kif diġa' ġie stabbilit, huma biss il-fatti li seħħew wara l-1 ta' Jannar 2021 li jiswew bħala prova tal-elementi kostituttivi tar-reati addebitati lill-imputata.

Mizmum ferm dan, il-Qorti tqis illi filwaqt illi jirriżulta li l-iskema frawdolenti li bdiet bl-istorja tal-mobile phone misruq, bdiet tinħema għall-ħabta ta' Settembru jew Ottubru tas-sena 2020 u jirriżulta wkoll li l-istatements bankarji falsifikati intwerewlu fl-istess perijodu, **huwa stabbilit ukoll mill-provi illi l-parti offiza baqa' javvanza flejjes lill-imputata kull meta talbitu, dejjem abbażi tal-istess rikatt u gidba dwar il-flejjes maqbudin fil-kontijiet bankarji tagħha bis-sekwestri, anke wara Diċembru 2020 u addirittura sal-aħħar meta l-Pulizija intervjenew u fissru lil Anthony Zammit li kien qed jiġi mqarraq mill-imputata.** Kemm hu hekk, il-kredituri li xehdu quddiem il-Qorti kkonfermaw fix-xhieda tagħhom illi Anthony Zammit baqa' jsellef

ammonti ta' flus mingħandhom għaliex kellu bżonn iħallas biex jiġi rilaxxat xi kont bankarju li kien maqbud bis-sekwestri, anke f'Jannar 2021 u fix-xhur ta' wara.

Barra dan il-fatt illi jirriżulta li l-messa in xena konsistenti fl-intervent ta' Antonella Carter Olivari seħħ fit-30 ta' Marzu 2021, u dan kif jirriżulta wkoll mill-istess kitba (Dok. MM1[20]). Kif rajna, fuq struzzjonijiet tal-imputata, Antonella Carter Olivari ippużat bħala l-assistent tal-avukat Caruana Curran biex tipperswadi lil Anthony Zammit iħallas is-somma ta' €500 biex jiġu rilaxxati l-flus fil-kontijiet bankarji, u kitbet ukoll id-dikjarazzjoni li s-self tas-somma ta' €300 kien meħtieġ għall-ħlas ta' spejjeż li kienu meħtieġa biex tkompli tiġi proċessata t-transazzjoni bankarja.

Dan kollu magħdud ifisser illi l-elementi kollha tar-reat ta' frodi jissussistu anke fiż-żmien tar-reat kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni għaliex il-frodi baqa' jiġi perpetrat kontinwament u l-parti offiża baqa' jagħmel telf patrimonjali bi qligħ korrispondenti għall-imputata, anke fl-ewwel xhur tas-sena 2021 u dan dejjem bi tħaddim u b'konsegwenza tal-istess gideb u messa in xena li bdew jiġu implimentati minnha bejn Settembru u Diċembru 2020. Madanakollu, il-Qorti m'hijiex sejra tieħu in konsiderazzjoni t-telf patrimonjali li seħħ għad-dannu ta' Anthony Zammit, qabel l-1 ta' Jannar 2020 meta tiġi biex tqis il-qligħ illegali magħmul mill-imputata a skapitu tal-parti offiża.

Ikkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputata wkoll bir-reat minuri ta' frodi innominat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9. Dan jiddisponi:-

---

[20] Paġna 79 tal-atti tal-kompilazzjoni.

*Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.*

Huwa evidenti li l-imputata ma tistax tinsab ħatja ta' dan ir-reat għaliex diġa' ġie stabbilit mill-provi li jikkonkorru l-elementi kollha għal sejbien ta' ħtija għar-reat ta' truffa. L-element kostituttiv tar-reat minuri ta' frodi innominata huwa qligħ li l-awtur tar-reat jikseb bl-użu ta' qerq ieħor li m'huwiex imsemmi fl-artikoli ta' qabel, fosthom għalhekk l-artikolu 308 tal-Kap. 9 li jinkriminizza t-truffa. Konsegwentement, is-sejbien ta' ħtija għar-reat ta' frodi b'egħmil qarrieqi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 jeskludi l-ħtija tal-imputata għar-reat taħt l-artikolu 309 u l-Qorti sejra għahekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni relattiva.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata ġiet mixlija wkoll b'reati ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti, taħt l-artikolu 188 u l-artikolu 189 tal-Kap. 9.

L-insenjament abbraċċjat mill-Qrati tagħna in tema ta' falsita' huwa dak mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1997 minn din il-Qorti diversament preseduta, li fissret id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

"*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (**Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II** (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem **Manzini***

*(Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin* "non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".

L-artikolu 188 tal-Kap. 9 jinkriminizza dikjarazzjonijiet u stqarrijiet foloz, u l-għoti ta' tagħrif falz, f'dokument maħsub għall-akkwist ta' xi vantaġġ jew benefiċċju. Il-piena applikabbli hija iktar severa f'każ li dikjarazzjoni jew tagħrif falz jingħataw f'dokument li maħsub għal awtorita' pubblika. Hu ovvju li l-falsita' ipotetizzata fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 hija dik ideoloġika fejn dokument, għad illi ġenwin, jagħti tagħrif falz jew ikun fih dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet foloz.

Għalkemm huwa indiskuss illi l-imputata għamlet bosta stqarrijiet u dikjarazzjonijiet foloz u tat tagħrif falz lill-parti offiża, minn eżami tal-provi proċesswali ma jirriżultax illi l-imputata għamlet dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet foloz jew tat tagħrif falz, **f'xi dokument**, wisq inqas f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika. L-istatement tal-kont bankarju li ġie falsifikat biex juri li l-kont jappartjeni lill-imputata, ġie mibdul u falsfikat mhux mill-imputata, iżda minn Nikita McAnally kif xehdet hi stess. Tassew Nikita McAnally falsifikat dan id-dokument għaliex qalet li kellha struzzjonijiet mingħand l-imputata biex tikseb u tuża dokument li bih tista' tkompli tqarraq lil Anthony Zammit, izda l-fatt jibqa' li huwa eskluż mill-provi illi l-imputata wettqet xi falsifikazzjoni ta' dan id-dokument billi għamlet fih dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz, hi stess. Il-falsifikazzjoni ġiet imwettqa minn Nikita McAnally li m'hijiex il-persuna akkużata f'din il-kawża u fuq kollox, hija nieqsa wkoll l-aħjar prova konsistenti fid-dokument falsifikat, liema dokument qatt ma ġie

prodott u esebit fil-provi proċesswali.  Għandu jingħad ukoll illi Nikita McAnally xehdet illi l-fatti relevanti seħħew bejn Ottubru u Diċembru 2020 u għalhekk dawn jeżorbitaw mill-parametri temporali tar-reati kif indikat fiċ-ċitazzjoni.

Għaldaqstant, l-imputata ma tistax tinsab ħatja ta' ebda wiehed mir-reati taħt l-artikolu 188(1)(2) tal-Kap. 9 in konnessjoni mal-falsifikazzjoni li wettqet Nikita McAnally.

Mill-provi jirriżulta wkoll illi fit-30 ta' Marzu 2021, Antonella Carter Olivari kitbet fuq struzzjonijiet tal-imputata, dokument kontenenti stqarrijiet u tagħrif falz.  Kopja legali ta' dan id-dokument hija esebita fl-atti tal-kompilazzjoni[21] u mill-provi jirriżulta li huwa ffirmat minn Antonella Carter Olivari, li kienet użat l-isem falz '*Dr. Antonella Vella Bondin*' kif ukoll minn '*Chairman Cini*'.  Huwa indiskuss illi dan id-dokument kien maħsub għall-akkwist mill-imputata ta' vantaġġ jew benefiċċju finanzjarja għaliha nnifisha.  Fil-fatt, jirriżulta illi Anthony Zammit ħallasha s-somma ta' €300 abbażi tad-dikjarazzjonijiet foloz li saru f'dan id-dokument.  Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li hemm miktub fid-dokument, huwa eskluż mill-provi li seħħet xi transazzjoni bankarja bil-ħlas tas-somma ta' €300 qabel is-2.00 p.m.

Fl-istqarrija li rrilaxxat waqt li kienet qed tiġi interrogata, l-imputata ċaħdet li kienet iffirmat xi dokument bħal dan u sostniet li ma tafx tikteb.  Iżda fil-kwadru tal-fatti li joħorġu mill-provi, inkluż ix-xhieda ta' Anthony Zammit innifsu li xehed li kien talab lill-imputata u lil Antonella jiffirmaw ir-riċevuta, il-Qorti hija pjenament konvinta illi dan id-dokument, li inkiteb minn Antonella Carter Olivari fuq struzzjonijiet tal-imputata, kien tassew iffirmat mill-istess imputata.  Wara kollox l-imputata kienet hi stess l-unika benefiċċjarja tas-

[21] Paġna 79, formanti parti minn Dok. MM1.

somma ta' €300 li ħallas Anthony Zammit bis-saħħa tal-istqarrija falza li saret fid-dokument in diżamina fis-sens illi dan il-flus sejjer jiġi applikat mill-imputata għall-ħlas lill-banek. Għaldaqstant, huwa ppruvat illi l-istqarrija falza u t-tagħrif falz li saru fid-dokument, saru wkoll mill-imputata nnifisha, li kienet il-firmatarja kif ukoll is-soġġett tad-dokument, u għandha għalhekk tinsab ħatja tar-reat taħt l-artikolu 188(2) tal-Kap. 9 billi d-dokument ma kienx maħsub għal xi awtorita' pubblika.

Fir-rigward tal-karta tal-mitt dollaru (Dok. AZ3) li ġiet imsarrfa mill-imputata għas-somma ta' €80 għad-detriment ta' Anthony Zammit, għandu jingħad illi l-imputata ma wettqet ebda falsifikazzjoni f'dan id-dokument, liema dokument ma subixxa ebda alterazzjoni kwalsiasi fil-kontenut tiegħu. Kemm hu hekk, id-dokument innifsu jagħmilha ċar li m'huwiex valuta legali meta jiddikjara b'mod prominenti "*for movie use only*". Għaldaqstant, billi m'huwiex dokument iffalsifikat l-imputata ma tistax tinsab ħatja la tar-reat taħt l-artikolu 188(2) tal-Kap. 9 u lanqas tar-reat taħt l-artikolu 189 tal-istess Kap. 9. L-Avukat Ġenerali ma indika ebda artikolu ieħor tal-liġi li jipotetizza reat ieħor li dawru tista' tinsab ħtija u għalhekk, il-Qorti hija preklużа milli tfittex hi stess biex tiddetermina jekk fl-azzjonijiet tal-imputata f'dan l-episodju humiex riskontrabbli l-elementi ta' reat kriminali taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi.

Ikkunsidrat;

Illi kif ingħad qabel, b'riżultat tal-egħmil qarrieqi tal-imputata, Anthony Zammit sofra telf patrimonjali sostanzjali. Mill-provi jirriżulta li huwa ħallasha b'kollox fuq medda ta' diversi xhur, is-somma ta' ċirka €90,000. Iżda kif diġa' ġie osservat qabel, l-imputata tista' tinsab ħatja biss tal-frodi, u għat-telf imġarrab b'effett tal-frodi li ġie perpetrat minnha, mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem. Il-provi proċessewali juru illi Anthony Zammit ħallas minn butu u

ssellef mingħand kredituri varji, is-somma komplessiva ta' xejn inqas minn €90,000 liema flejjes ġew imħallsin kollha lill-imputata, iżda l-ammont globali ta' flus li huwa konklussivament stabbilit illi huwa għadda lill-imputata mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem b'riżultat tal-egħmil qarrieqi tagħha, huwa ta' €45,880[22] u l-Qorti sejra tordna lill-imputata tħallas lura din is-somma lill-vittma tar-reat.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata ġiet mixlija wkoll bħala reċidiva. Iżda l-Qorti ma taqbilx li l-Prosekuzzjoni ressqet provi konklussivi biżżejjed biex tista' tinstab ħtija għal dan l-addebitu. Dan qed jingħad għaliex il-Prosekuzzjoni pproduċiet fl-atti biss kopja awtentikata ta' sentenza waħda (Dok. JR8[23]) li għalkemm tassew ikkundannat lil Carmela Cini, li għandha l-istess konnotati tal-imputata odjerna, għal reat kriminali, il-kopja awtentikata tas-sentenza li ġiet esebita fl-atti ma fihiex data preċiża ("*Seduta ta'      Mejju 2019*"). Għall-Qorti, dan huwa nuqqas gravi fis-sentenza li teknikament iġġib in-nullita' tagħha. Għalkemm naturalment, din il-Qorti m'hijiex sejra tissindika l-validita' o meno tas-sentenza in diżamina, u lanqas tista', fiċ-ċirkostanzi ma tistax tqis li din is-sentenza tikkostitwixxi prova tajba ta' ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali. Kemm hu hekk, taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9, il-prova tad-data tas-sentenza hija indispensabbli biex jiġi komputat iż-żmien minn meta tkun ġiet skontata jew maħfura l-piena.

Huwa minnu illi l-Prosekuzzjoni esebiet ukoll il-fedina penali tal-imputat iżda kif jinsab ritenut paċifikatament in materja, illi l-fedina penali m'hijiex l-aħjar

[22] Dan l-ammont huwa kompost mis-segwenti: €20 (li ġew impostati fil-letter box); €500 u €300 li ġew imħallsin fit-30 ta' Marzu 2021; €6,333.33 u €4,100 li ssellfu mingħand Antoine Micallef (Dok. AM1 sa Dok. AM4); €17,115) li ssellfu mingħand Joseph Coleiro (Dok. JC2); €3,500 li ssellfu mingħand Johnny Calleja; €13,200 li ssellfu mingħand Jason Grima (Dok. JG1).
[23] Paħna 415 *et sequitur* tal-atti tal-kompilazzjoni.

prova tal-addebitu tar-reċidiva: l-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-aħjar prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena l-Qorti ma tistax tenfasizza l-gravita' tal-qerq ipperpetrat mill-imputat, l-entita' tal-ammont iffrodat u t-telf riżultanti għall-vittma, kif ukoll il-fatt illi l-vittma huwa raġel anzjan li biex jgħin lill-imputata, mhux biss nefaq kull ma kellu iżda ssellef mingħand diversi persuni bir-riżultat li spiċċa mhedded u midjun - bl-assi immobiljari tiegħu ipotekati bħala garanzija għall-ħlas tad-debiti minnu kuntrattati - mingħajr ebda prospett li jitħallas lura l-flus li

silef lill-imputata. Dan kollu biex il-flus li silifha, l-imputata ħarqithom fi droga.

Għall-Qorti, dan huwa każ klassiku li jesponi l-ħażen u l-qirda li jġib miegħu l-abbuż tad-droga, fejn jispiċċa jiġi mgħarraq kull min b'xi mod imiss miegħu, anke intortament jew inkonsapevolment. Każ li juri b'mod ċar kif min ikun maħkum mill-vizzju tad-droga jispiċċa jitlef kull sens ta' proporzjonalita', raġuni kif ukoll umilta'. Kemm hu hekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-imputata qatt u fl-ebda waqt ma wriet xi rimors għal egħmilha jew xi sogħba għall-mod kif qarrqet sfaċċatament b'raġel anzjan u evidentement vulnerabbli u daħħlitu, xjentement u deliberatament, f'diffikoltajiet finanzjarji serji li ġabu magħhom, inevitabbilment, problemi anċillari fosthom fuq livell ta' saħħa mentali kif ukoll ta' sigurta' personali. L-imputata, minflok imqar irrikonoxxiet il-konsegwenzi gravi tal-azzjonijiet tagħha, baqgħet tinsisti wkoll illi kien il-parti offiża nnifsu li ried jisilfilha l-flus minn jeddu, u ċaħdet sal-aħħar illi qarrqet bih. Din ix-xorta ta' imġieba u n-nuqqas assolut ta' tjieba u kuxjenza ma jagħmlu xejn biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputata siltet xi xejra ta' tagħlimha minn dan l-episodju, u tqis li għandha tħallas għal egħmilha. Il-fatt li dan l-egħmil huwa attribwibbli għall-vizzju tal-abbuż tad-droga ma jagħmel xejn biex itaffi mill-gravita' tal-aġir kriminuż tagħha.

Huwa minnu li l-imputata, fl-ambjent ikkontrollat tal-ħabs, m'hijiex qed tabbuża minn sustanzi illeċiti iżda dan ftit jista' jserraħ moħħ il-Qorti li l-imputata hija tajba biex tifforma parti mis-soċjeta' anke għaliex ma jirriżultax li wriet xi qies sinjifikanti ta' stabbilita' u li tista' żżomm 'il bogħod mid-droga meta ma tkunx fil-komunita'. Tqis illi qabel tista' tirrientegra ruħha fis-soċjeta' għandu qabel xejn jiġi assigurat li l-imputata tkun warrbet għal kollox u b'mod permanenti u definittiv il-vizzju li ħakimha u tkun irriformat ruħha. Is-soċjeta' jistħoqqilha tkun protetta kontra l-effetti tal-użu tad-droga, liema protezzjoni

f'dan il-każ tista' tiġi assigurata biss bl-inkarċerazzjoni tal-imputata sabiex matul dan iż-żmien tista' tirriforma ruħha, anke f'istituzzjoni għar-rijabilitazzjoni kontra l-abbuż tad-droga.

In konklużjoni, il-Qorti tinnota illi r-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 188(2) tal-Kap. 9 ġie kommess bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' truffa u għalhekk sejra tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi, ċioe' r-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 li bl-applikazzjoni tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9 huwa punibbli bi priġunerija minn sentejn sa disa' snin.

Il-Qorti hi prekluża milli tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Kap. 9 u tagħti lill-imputata xi sanzjoni komunitarja mhux biss għaliex ir-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 huma punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin, iżda wkoll għaliex ma tarax li jeżistu ċirkostanzi li jkunu jimmeritaw li l-imputata titqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin.

**Għaldaqstant, filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, u filwaqt li ma ssibx ħtija għar-raba' imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17, 18, 188(2), 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, issib lil CARMELA CINI ħatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tikkundannaha tliet (3) snin priġunerija effettiva.**

**Għall-fini tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil CARMELA CINI nee' CAMILLERI għall-ħlas lil Anthony Zammit, tas-**

**somma komplessiva ta' ħamsa u erbgħin elf tmien mija u tmenin Euro (€45,880) b'kumpens għat-telf soffert minnu permezz tar-reat ta' frodi.**

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil CARMELA CINI għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti tas-somma ta' sitta u sittin Euro u għoxrin ċenteżmu (€66.20) rappreżentanti l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u periti fil-proċeduri u dan fi żmien sena[24].**

**Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħatja a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex tingħata t-trattament meħtieġ biex tindirizza u tegħleb il-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Probation u Parole u lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi biex jieħdu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trattament maħruġa fil-konfront tal-ħatja u sabiex din tiġi implimentata.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħatja għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Anthony Zammit għal żmien tliet (3) snin li jibdew jiddekorru hekk kif tiġi skontata l-piena ta' priġuinerija.**

---

[24] Dr. Katya Vassallo, Dok. KV1.

**Għall-fini tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli b'effett tal-artikolu 382A tal-istess Kapitolu 9, tordna li l-Ordni ta' Trażżin jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi, skont il-kaz.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**